MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 5/1998/1

Maltacom plc .

vs

Joseph Debono .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu s-soċjeta attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat li jħallas is-somma ta' ħames mija u wieħed u tletin lira Maltin u sitt ċentezmi (Lm531.06), rapprezentanti d-danni li int ikkagunajt lis-soċjeta' attriċi meta nhar it-22 ta' Frar, 1994 ilqatt cable proprjeta' tal-korporazzjoni attriċi u dana waqt li kont qiegħed tħaffer it-triq in-Nadur, Rabat, Ghawdex, u hekk kif aħjar spjegat mill-annessi dokumenti B sa D .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 21 ta' Frar, 1996 u bil-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Civili ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi ma kienx il-konvenut li għamel ix-xogħol tat-tħaffir u oltre dan l-istess xogħol ta' tħaffir sar fejn ġie immarkat mill-impjegati tas-soċjeta' attrici .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuti fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tat-12 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawża s-socjeta' attriċi qed titlob minghand il-konvenut il-hlas tad-danni ghall-ħsarat allegatament ikkaġunati minnu fuq *cables* tat-*telephone* proprjeta' tagħha, waqt illi l-istess konvenut kien qed jesegwixxi xogħlijiet ta' skavar fil-fond tiegħu f'Marsalforn .

Għal din it-talba l-konvenut eċċepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili . Dan l-artikolu jistipula illi l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat, bħal ma jista' jingħad illi għandna fil-każ in eżami, taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn .

L-inċident mertu ta' din il-kawża ġara, kif ġie dikjarat f'dan l-Avviz, fit-22 ta' Frar 1994 . Il-kawża preżenti ġiet intavolata fil-15 ta' Jannar 1998 u għalhekk aktar mis-

sentejn imsemmija mil-liġi u applikabbli għal każ bħal dan . Jenħtieġ għalhekk illi biex tiġi respinta din l-eċċezzjoni, irid jiġi ppruvat illi l-preskrizzjoni ġiet interrotta b'att ġudizzjarju a tenur ta' l-artikolu 2128 (Kap. 16) . Il-korporazzjoni attriċi tgħid fl-istess avviż illi ġiet ippreżentata ittra uffiċċjali kontra l-konvenut fil-21 ta' Frar 1996 . Infatti kopji formali ta' din l-ittri, sabiex issir il-prova li din il-preskrizzjoni ġiet effettivament interrotta, ġiet esebita fl-atti tal-kawża [1]. Billi l-kawża relattiva ġiet imbagħad intavolata anqas minn sentejn wara, l-azzjoni ma ġietx preskritta u għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda .

Fl-eċċezzjoni fil-mertu l-konvenut jgħid fl-ewwel lok illi ma kienx hu li kien qed isuq l-inġenji li effettivament ikkawżaw il-ħsara in kwistjoni . Irriżulta pero' illi, għalkemm huwa minnu illi ma kienx il-konvenut personalment li kkawża dawn id-danni, kien impjegat tiegħu li għamel hekk, waqt li kien qed jesegwixxi appalt mogħti mill-Korporazzjoni Enemalta lill-konvenut .

Qabel ma beda jwettaq ix-xogħol tiegħu l-konvenut talab u ottjena l-permessi kollha meħtieġa sabiex ikun jista jiskava fit-triq fejn kellu jsir dan ix-xogħol . Infatti ma bediex qabel ma ġie rappreżentant tas-soċjeta' attriċi fuq il-lant tax-xogħol u mmarkalu fuq il-post b'marki fl-art, f'distanza ta' ħmistax il-metru l-waħda, minn fejn kienu għaddejjin il-*cables* tagħha, u dana skond ma kien jirriżultalu minn pjanta li fuqha tkun immarkata l-pożizzjoni ta' l-istess *cables* . Il-konvenut għalhekk ma kellux jiskava fil-linja ta' dawn il-marki .

Ġara madankollu illi għalkemm il-konvenut ma rifisx din il-linja, intlaqtu xorta waħda xi *cables* li kienu f'forma ta' *loop* f'xi distanza 'l barra mill-linja mmarkata mir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi stess . Imma kif ammetta Carmel Mizzi Cefai, rappreżentant tas-soċjeta' attriċi," … ***f'dan il-każ partikolari, il-cable jiġifieri ma kienx qed jimxi minn point għal point, kien hemm xi loop, 'l barra illi ma kenitx indikata jiġifieri fil-pjanta. U sar dan l-***

[1] Ara Dok. MC. 1 a fol. 17 tal-process .

***excavation jigifieri***."[2] Dan kollu ġie konfermat minn Michael Bugeja, l-impjegat tas-soċjeta' attriċi li attwalment immarka fuq il-post minn fejn suppost kienu għaddejjin il-*cables* tat-*telephone .* Infatti in konto-ezami l-isetss xhud speċifika illi " .. ***ma kienx hemm marki fejn laqat il-cable*.**" [3] Huwa evidenti għalhekk illi lanqas l-istess impjegat tas-soċjeta' attriċi, li kien ġie mibgħut apposta fuq il-post biex jagħmel il-marki meħtieġa, ma kien jaf b'din il-*loop .*

F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tifhem kif tista' qatt tiġi imputata xi ħtija lill-konvenut, meta dan mexa proprju fuq l-istruzzjonijiet li tawh l-impjegati tas-soċjeta' attriċi, u qatt ma seta' jobsor illi kien hemm il-*loop* imsemmija 'l barra mill-linja lilu ndikata . Anzi n-negliġenza kienet pjuttost tal-impjegati tas-soċjeta' attriċi, li naqsu li jindikaw fuq l-pjanta relattiva din il-*loop* sabiex, f'każ bħal dan, fejn riedu jsiru l-iskavi f'dik il-parti tat-triq, ikunu jafu biha u konsegwentement jimmarkawha wkoll fuq il-post .

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut fuq il-mertu, tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] ara depożizzjoni ta' l-istess xhud a fol. 30 tal-process .
[3] ara depożizzjoni ta' dan ix-xhud a fol. 40 .